TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 43

It-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fil-4.45p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti, is-Sindku Zoya Attard, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri, Mark Pisani u Stefano Savo.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 42 li saret nhar it-Tnejn, 26 ta' Settembru, 2022, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand il-Kunsillier Josef Fitzpatrick li nforma li kien xoghol.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* ***Triq Telghet Gwardamangia tissemma Triq Elizabetta II, 1926-2022***.
Il-Kunsillier Mark Pisani ressaq emenda ghall-mozzjoni mressqa minnu stess fis-seduta ta' qabel sabiex wara l-kliem "Triq ir-Regina Elizabetta II (1926-2022)", jidhol il-kliem "Telghet Gwardamangia". Dan sabiex l-isem propost tat-triq jigi jaqra "Triq ir-Regina Elizabetta II (1926-2022), Telghet Gwardamangia" (Appendici A)

Is-Sindku qalet li dwar dan is-suggett kienet irceviet email minghand Heritage Malta sabiex ma jinbidilx l-isem tat-triq u tibqa' bl-isem ta' Telghet Gwardamangia.

Il-Kunsillier Pisani qal li dan jista' jkun ghax ma kenitx cara li Telghet Gwardamangia se tibqa parti mill-isem.

Is-Sindku wiegbet li anki b'din l-emenda kien se jinbidel l-isem tat-triq.

Il-Kunsillier Pisani qal li kif emendata mhux se tohloq problema fl-indirizzi ghax il-karta tal-identita` tinbidel meta tiskadi.

Kien hemm qbil unanimu ma' din l-emenda u ghalhekk in-nies li joqghodu fit-triq ghandhom issa jiddeciedu fuq l-isem kif emendat.

*3.2* ***Dawl tat-Torpedo Depot*** Is-Segretarju Ezekuttiv informa li s-sistema tad-dawl fit-Torpedo Depot kienet issewwiet u l-gnien rega' qed jixghel.

## 4 KORRISPONDENZA

*4.1* Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kopja tas-set ta' bolol li hareg ir-Regjun Lvant dwar il-Kunsilli Lokali li jiffurmaw parti minnu.

*4.2* Tressqu wkoll quddiem il-Kunsill email u ittra minghand Infrastructure Malta dwar il-Progett tal-Imsida kif ukoll dwar toroq li ser isiru bit-tarmac f'Tal-Pieta` fix-xhur li gejjin. Fil-granet li gejjin IM se tkun qed tiltaqa' mal-Kunsill dwar dawn iz-zewg progetti.

## 5 MISTOQSIJIET

***5.1*** Il-Kunsillier Savo irrimarka li crane li qed ikun ‘l isfel mill-knisja fi Triq Santa Monika mhux qed ikollu xi dawl mieghu u ghalhekk qed ikun ta’ periklu. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li se tingibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

***5.2*** Il-Kunsillier Savo staqsa dwar kif baqa il-Kunsill dwar ix-xoghol li ghandu jsir fil-playingfield. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Foundation for Wellbeing of Society ghadha qed tistenna li flimkien mal-Kunsill issir laqgha mal-Ministeru ghall-Ambjent u l-Energija.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Ma kienx hemm Komunikazzjoni tas-Sindku.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Is-Sindku, ssekondata mill-Vici Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 39. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## . TMIEM

***8.1*** Fis-5.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 28 ta’ Novembru, 2022, fil-4.45pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku